Noel D'Anastas – ndanastas@gmail.com

# Cable 35 – minn Malta għall-Ewropa

## Tour estensiv fir-Renju Unit, l-Italja, l-Olanda, il-Ġermanja u l-Belġju

Cable 35 oriġinalment ġie ffurmat f'Malta iżda llum hu bbażat f'Sheffield l-Ingilterra, il-post li fih ghandu 7.2% tal-popolazzjoni li tahdem fl-industrija tal-kreattività, perċentwali ta' 4% aktar mill-medja nazzjonali.

Sheffield kienet il-benniena tas-*synth pop* u l-hoss eletroniku f'bands bhal Human League, Heaven 17, Thompson Twins, Cabaret Voltaire u Moloko. Minn Sheffield harġu Pulp, Babybird Def Leppard, Joe Cocker, The Longpigs u Arctic Monkeys fost ohrajn.

Cable 35, li jdoqq mużika *indie rock*, hu ffurmat minn Jeffrey Zerafa (kitarra u *vocals)*, Kriz Zahra (bass u vocals) u Chris Mallia (drums).

'Louder' kien l-album debuttanti mahruġ fl-2011 wara li fl-2007 u l-2008 kien nieda żewġ EP, 'My First E.P.' u 'Hygiene'. Matul din is-sena, hareġ EP iehor bit-titlu ta' 'Fungus' li inkluda seba' *tracks* fosthom *Underground* u *Rental Sunshine* li flimkien ma' *Facts in Spain* mehuda minn 'Louder' indaqqu wkoll fuq BBC Radio u Q Radio (UK). Ghad-diska *Rental Sunshine* il-band iwassal *video* mużikali.

It-*tour* intensiv ghal promozzjonali ta' 'Fingus' ha lil Cable 35 f'diversi lokazzjonijiet fir-Renju Unit, l-Italja, l-Olanda, il-Ġermanja, il-Belġju u anki Malta. Matul il-ġimghat li ġejjin, Cable 35 se jdoqq f'Doncaster, Lincoln, Leeds u Londra.

Fil-fatt, fit-8 ta' Novembru li ġej, Cable 35 se jdoqq fil-Vintage Rock Bar f'St Georges Gate f'Doncaster, tlett ijiem wara jdoqq f'Monto Water Rats f'Londra, fis-17 tax-xahar idoqq f'The Anchor, Lincoln, u fl-14 ta' Diċembru, ikun f'Santiago Bar f'Leeds.



# Malcolm iniedi t-tielet *video* mużikali 'Got me good'

Malcolm Pisani nieda t-tielet *video* mużikali tieghu li qed jikkumplimenta d-diska li harġet fix-xhur tas-sajf li ghadda 'Got me good'. Din ghandha stil 'dance', kompozizzjoni u produzzjoni ta' Carlo Gerada u lirika ta' Muxu.

Matul dawn l-ahhar snin, Malcolm kompla jiżviluppa fix-xena 'dance'. 'Got me good' indaqqet fuq radjijiet lokali u anke fir-Rumanija, il-Ġermanja, l-Italja u r-Renju Unit. Is-*single* dahlet ukoll mal-aqwa hamsa fil-*Malta Bay's Top Ten*.

Il-*video* ta' din is-*single* kien wiehed impenjattiv u rrikjeda hafna xoghol u individwi li taw sehemhom. Dan ġie miġbud f'lokazzjonijiet ta' divertiment, f'bars, ristoranti u lukanda maghrufa.

Il-*video* ghandu direzzjoni ta' Clifford Xuereb u Manuel Pace bl-assistenza ta' Rita Pace. Il-mudella ewlenija Martine Vella hija l-attrazzjoni ewlenija tul il-*video* mużikali kollu.




Malcolm Pisani bl-aħħar video mużikali tiegħu

# 'Wolves In The Fold' – L-EP ta' Loathe

Loathe, wiehed mill-aktar *bands death metal* attivi lokalment u anki daqq kemm-il darba barra, ghadu kemm nieda l-EP *Wolves In The Fold.*

Dan l-EP jinkludi hames *tracks: Dead End Red*; *Christening The Damned*; *Tourniquet*; *Respect Divine*, u *Light Of The Estranged.* Dawn it-*tracks*, flimkien ma' numri ohra antiki, indaqqu waqt il-kunċert fin-*Notte Bianca.*

Fuq il-*Youtube*, wiehed jista' jsib *video* b'*samples* ta' kanzunetti kif ukoll filmati mid-dehriet ta' Loathe fl-ahhar kunċerti tieghu u xi ritratti li ttiehdu ghall-*video* tas-*single Bucketlove*. Dan jista' jkun aċċessat minn fuq *http://youtu.be/oa7In0qY-pg*.



SQALLIJA
Christmas
shopping u kultura

Prezz minn
€380
f'kamra tripla

Mit-12 sal-14 ta' Diċembru

Inżuru Catania, Mineo, Caltagirone, Etna u Auchan Porte de Catania

Il-prezz jinkludi:
- Titjira għal Catania u lura
- Trasferimenti u eskursjonijiet kollha
- Akkomodazzjoni għal 2 iljieli f'lukanda 3 star f'Catania fuq bażi BB
- Taxxi kollha u servizz ta' tourleader

www.eurotours.com.mt

EuroTours
Malta
Mountbatten Street, Ħamrun
Gozo
26, Republic Street, Victoria
email:
info@eurotours.com.mt
Telephones:
25965555
21223295
21233193
Gozo Office:
21564452